KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 66

**It-Tnejn 5 ta' Ġunju 2017**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:35 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Daniel John Attard – Sindku
Antoine Vella – Viċi Sindku
Anthony Mifsud – Kunsillier
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Simon Paul Fenech – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Daniel John Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 66.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

66.1.1 Is-SE qrat ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Fenech minħabba li ma setgħax jattendi.

66.1.3 Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija mressqa.

## 66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

66.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

66.2.2 Il-Kunsillier Mifsud propona li dawn jiġu approvati filwaqt li l- Viċi Sindku ssekonda. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u l-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 66.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

66.3.1 Is-Sindku informa li wara diskussjonijiet kien hemm qbil li għandhom isiru zewġ culverts zgħar oħra maġenb il-bandli sabiex niġbru aktar ilma tax-xita. Minbarra f'hekk, se ssir ukoll kommunikazzjoni bejn il-culverts ta' Triq Sir Leslie Rundle u l-ġwiebi tal-bandli għaliex fil-prezent ħafna minn l-ilma tax-xita qed jintilef.

66.3.2 Is-Sindku talab lis-SE sabiex matul is-sajf li ġej tipprova tibda taħdem fuq l-applikazzjoni tad-devoluzzjoni tal-bandli.

66.3.3 Is-SE infurmat li fil-ġranet li għaddew, fi Pjazza Palma kienu ġew immarkati l-parkeġġi wara li nġabet l-approvazzjoni tal-Kunsill u minn TM.

66.3.4 Is-SE infurmat li kienet twaħħlet il-*crash barrier* ta' quddiem il-bandli bħalma kien deċiz mill-Kunsill.

## 66.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

66.4.1 *Il-Kunsillier Mifsud: Jixtieq ikun jaf x'inhi l-pozizzjoni tal-Kunsill rigward l-Isolation Hospital:*

66.4.2 Is-SE infurmat li l-Kunsill ma kien għadu rċieva ebda kommunikazzjoni b'mod uffiċjali dwar din il-binja.

Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud informa li x-xewqa tar-residenti kienet li l-proġett ma jsirx kif jidher li se jkun propost u għaldaqstant xtaqu li jiltaqgħu mal-Kunsill. Is-Sindku reġa' fakkar lill-Kunsillier Mifsud li din il-kwistjoni diġa' ġiet diskussa f'waħda mil-laqgħat preċedenti, u kien hemm qbil li meta nircevuha ngħadduha lill-Periti biex jgħaddu l-kummenti tagħhom f'isem il-Kunsill biex jiġu mgħoddija lill-Awtorità tal-Ippjanar. Huwa informa li jekk ikun hemm bzonn issir ukoll konsultazzjoni mar-residenti. Is-Sindku qal ukoll li huwa kien iltaqa' ma' numru ta' residenti kif ukoll irċieva xi kommunikazzjonijiet bil-miktub u kien

infurmahom li huwa prematur li l-Kunsill jitkellem magħhom għaliex m'hemmx fuq xhiex titkellem f'dan il-punt.

## 66.5 Talba għal kwotazzjonijiet lill-periti għal xogħlijiet diversi madwar il-lokalità

66.5.1 Is-SE infurmat li l-periti kienu baqgħu ma għaddewx il-pjanijiet u l-kwotazzjonijiet meħtieġa għalkemm hija kienet kitbet u fakkret lill-periti ħafna drabi.

66.5.2 Hawnhekk hija fakkret lill-Kunsilliera li kienet għaddiet kopja tal-offerta tal-kuntratt tal-perit għall-attenzjoni tagħhom permezz tal-*email* minħabba li l-kuntratt kien skada u għaldaqstant hemm bzonn li jerġa' jinħareġ. Il-Kunsill qabel li għandha tmexxi skont id-dokumentazzjoni li għadditilhom.

66.5.3 Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fil-prezent kienet qed taħdem fuq l-offerta tal-ġbir ta' skart imħallat u għaldaqstant talbet deċizjoni min-naħa tal-Kunsill fir-rigward tal-frekwenzi tal-ġbir. Hija fakkret li meta l-Kunsill kien qiegħed fil-proċess li jneħħi l-l-iskips, kienu qablu lkoll li minn Jannar 2017, il-Kunsill għandu jnaqqas il-ġabra tal-Ħadd flgħaxija. Hawnhekk kien hawn diskussjoni qasira u kien hemm qbil li l-kuntratt il-ġdid għandu jibda b'ġurnata inqas ta' skart imħallat, dik tal-Ħadd u għaldaqstant il-ġabra tkun biss kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa, il-Ħamis u s-Sibt. It-Tlieta u l-Ġimgħa se tinġabar il-borza l-griza filwaqt li l-Ħadd ma ssir ebda ġabra.

## 66.6 Laqgħa mal-GreenMT dwar ġbir ta' skart riċiklabbli

66.6.1 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu ltaqgħu mas-Sur Attard minn GreenMT dwar il-kommunikazzjoni li kienet intbagħtet fejn dan kien informa li ma kellux il-ħsieb li jwaqqaf jew inaqqas il-ġabra tal-iskart riċiklabbli fl-Imtarfa għaliex bħala lokalità kienet għamlet passi kbar biex neħħiet l-iskips għall-ġbir tal-iskart imħallat u dan jixhdu wkoll it-tunellaġġ inqas fi skart imħallat u tunellaġġ ikbar fi skart riċiklabbli. Huwa informa li kien se jikkomunika lura mal-Kunsill wara li jkun kellem lill-kuntrattur tal-Kunsill li jagħmel il-ġabra tal-iskart imħallat biex possibbilment inaqqas ir-rata ta' ħlas tiegħu. Kemm-il darba dan ma jaċċettax, huwa kien se jibdel il-kuntrattur li jagħti servizz ġewwa l-Imtarfa.

66.6.2 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm il-ġabra tal-iskart riċiklabbli tibqa' ssir fuq darbtejn fil-ġimgħa kif miftiehem ma' GreenMT.

## 66.7 Talba għal bozza ġdida fi Triq Sir Arthur Fremantle

66.7.1 Is-SE infurmat li kellha talba biex teħel bozza ġdida viċin is-*substation* tal-GO fi Triq Sir Arthur Fremantle.

66.7.2 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Min-naħa tas-SE infurmat li kienet se tibda l-proċeduri għal din il-bozza izda ġibdet l-attenzjoni li preferibbilment għandha teħel mill-kuntrattur il-ġdid li se jagħżel ir-Reġjun biex tkun koperta bil-garanzija.

## 66.8 Proġett ta' *Photobook* dwar il-lokalità tal-Imtarfa

66.8.1 Is-SE infurmat li hi u s-Sindku kienu tkellmu mal-fotografu tal-Kunsill u qablu li għandu jsir ktieb magħmul interament minn ritratti dwar il-lokalità. Min-naha tal-fotografu diġà kien beda jieħu xi ritratti ta' postijiet storiċi diversi li hawn fil-lokalità u li setgħu jiġu inkluzi f'dan il-ktieb. Is-SE isuġġeriet li s-Sur Vince Zammit, storiku, ikun l-editur ta' dan il-ktieb.

66.8.2 Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

66.8.3 Is-SE għandha tikkoordina x-xogħol kollu involut biex jiġi ppubblikat dan il-ktieb.

## 66.9 Twaħħil ta' *CCTV Cameras* fil-lokalità

66.9.1 Is-SE infurmat li matul il-ġranet li ġejjin kienet se titwaħħal *CCTV Camera* mal-ħajt tal-parapett ta' Dar Kenn Għal Saħħtek, u se jiġu ordnati zewġ pannelli biex iħaddmu zewġ CCTV's oħra, waħda għal quddiem Binja Ġebel Dwejra u oħra għal quddiem Binja Buqana, man-naħa ta' fuq. Hija fakkret ukoll li kif kien iddeċieda l-Kunsill f'waħda mil-laqgħat preċedenti, id-*drop off point* għar-residenti ta' Binja Msieraħ kienet se titmexxa għal Triq Theuma Castelletti.

## 66.10 Kommunikazzjoni min-naħa tal-President tar-Reġjun Tramuntana, rapprezentant tal-Kunsill

66.10.1 Il-Kunsillier Mifsud informa li minħabba l-elezzjoni l-laqgħa tar-Reġjun ma setgħetx issir kif pjanat u għaldaqstant kellha tiġi posposta għall-ġimgħa d-dieħla. Hawnhekk il-Viċi Sindku skuza ruħu minħabba li daħlitlu telefonata. Il-ħin kien it-8:00pm.

66.10.2 Il-Kunsillier Mifsud informa li r-Reġjun kien ikkwalifika għal xi fondi, li probabbilment ilaħħqu madwar €200,000 għal kull reġjun. Huwa kien se jagħti aktar informazzjoni 'l quddiem.

66.10.3 Il-Kunsillier Mifsud informa li r-Reġjun kien ingħata wkoll €53,000 sabiex jorganizza attivitajiet kulturali fil-lokalitajiet li jagħmlu parti minnu. Dawn il-fondi ngħataw min-naħa tal-LESA.

66.10.4 Il-Kunsillier Mifsud informa wkoll li madwar ġimgħatejn ilu r-Reġjun kien irċieva ittra min-naħa tal-Gvern Ċentrali fejn ġew infurmati li se jingħataw €100,000 sabiex jibda jsir it-tarmak fil-lokalitajiet li jiffurmaw parti mir-Regjun. Huwa informa li s'issa kienu għadhom ma rċevewx il-kriterji dwar kif se titħaddem din is-somma u għaldaqstant qabel ma tittieħed ebda deċizjoni, ir-Reġjun se jivverifika kif għandu jipproċedi.

66.10.5 Fir-rigward tal-kuntratt tal-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq, il-Kunsillier Mifsud informa li kien sar ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-offerta imma l-Kunsilli ta' Pembroke u ta' Ħad-Dingli kienu qed isibu oġġezzjoni dwar l-offerta u għaldaqstant din il-materja għandha terġa' tiġi diskussa waqt il-laqgħa li jmiss.

## 66.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

66.11.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li fl-aħħar tax-xahar ta' Ġunju kienu se jinħarġu ċ-ċekkijiet għall-*allowance* tal-Kunsilliera. Fid-dawl ta' dan kollu u ċ-ċirkulari li l-Kunsill kien irċieva mid-Dipartiment, hija talbet lill-Kunsill jiddeċiedi jekk għandhiex titnaqqas l-*allowance* għal min seta' ma attendiex bejn Jannar u Ġunju 2017. Il-Kunsill qabel li għandha tingħata l-*allowance* sħiħa ladarba kien hemm l-approvazzjoni tal-Kunsill dwar in-nuqqas ta' attendenza tal-Kunsilliera.

66.11.2 Hawnhekk, il-Kunsillier Mifsud propona li l-Viċi Sindku jingħata d-differenza li kienet inqatgħat għal nuqqas ta' attendenza għal-laqgħat tal-Kunsill bejn Lulju u Diċembru 2016 għaliex wara kollox il-Kunsill kien dejjem aċċetta l-ittri ta' skuza li ntbagħtu min-naħa tiegħu. Hawnhekk kien hawn qbil unanimu dwar dan min-naħa tas-Sindku u l-Kunsilliera Bugeja li kienu prezenti għal-laqgħa. F'dan l-istadju l-Viċi Sindku kien għadu barra mil-laqgħa minħabba telefonata urġenti li kellu.

66.11.3 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

66.11.4 Hawnhekk daħal lura l-Viċi Sindku. Il-ħin kien it-8:10pm.

## 66.12 Mozzjonijiet; u

66.12.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 66.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

66.13.1 Il-laqgħa intemmet fit-8:15pm u ġiet aġġornata għall-Hamis 6 ta' Lulju 2017 fis-7:30pm.

Konfermati, illum 6 ta' Lulju 2017.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |